**QORTI TAL-APPELL**
**(Sede Inferjuri)**

**Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta tal-Gimgha 11 ta' Ottubru, 2019**

**Appell numru: 1/19**
**Wara sentenza tal-Arbitru (Att dwar is-Sigurta' Socjali) bin-numru 050/19 datata 5 ta' Frar, 2019**

**Victoria Hatherley (K.I. nru 190042M)**

**vs.**

**Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali**

**Il-Qorti**

1. Dan huwa appell ta' Victoria Hatherley a tenur tal-Artikolu 109 tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-fatti tal-appell odjern huma s-segwenti:

  i. Permezz ta' ittra mibghuta mid-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali datata 26 ta' Marzu, 2018 l-appellanti Victoria Hatherley giet infurmata '*…li jirrizulta li thallast zejjed is-somma ta' EUR 13,841.76 fil-GHAJNUNA TAL-MARD li rcevejt minn dan id-Dipartiment ghall-perjodu minn 19.08.06 sa 16.03.18. Dan sar minhabba li IL-KAPITAL JECCEDI.*';

Din id-decizjoni ttiehdet in segwitu ghal revizjoni li d-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali kien ghamel tal-kaz tal-appellanti Victoria Hatherley. Mir-revizjoni kien irrizulta li l-appellanti ma kinitx ghadha tirrisjedi fl-istess indirizz u cioe' Hatherley, 119, Triq ic-Cimiterju, Paola, Malta peress li hija bieghet in-nofs indiviz (1/2) taghha mill-fond permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Joe Cilia datat 11 ta' Awwissu, 2006. L-appellanti Victoria Hatherley bieghet sehmah versu l-prezz ta' tmienja u tletin elf erba' mija erbgha u tletin ewro u sitta u sittin centezmu (€38,434.66).

ii. Permezz ta' ittra datata 25 ta' April, 2018 u ntavolata fl-ufficcju tal-Arbitru nhar l-1 ta' Mejju, 2018 l-appellanti Victoria Hatherley tramite l-avukat ta' fiducja taghha ressqet appell quddiem l-Arbitru. F'dan l-appell quddiem l-Arbitru hija ressqet erba' (4) aggravji b'dawn ikunu s-segwenti:

   a. Id-decizjoni tad-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali hija nulla u bla effett stante li mhix motivata u nieqsa minn dawk id-dettalji necessarji u mehtiega sabiex a bazi taghhom isir appell adegwat;

   b. L-ebda ammont m'ghandu jigi rifuz u dan kif ser jigi ppruvat fl-appell;

c. L-ebda ammont ma huwa dovut, imma anke jekk ghall-grazzja tal-argument jirrizulta li hemm xi ammont dovut, ghandhom jigu applikati l-Artikolu 1027 u l-Artikolu 2156(g) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. L-ebda ammont m'huwa dovut, imma anke jekk ghall-grazzja tal-argument jirrizulta xi ammont dovut, ir-rata applikabbli ghar-rifuzjoni m'ghandhiex tkun dik ta' 10% hekk kif indikata mid-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali.

iii. Permezz ta' ittra datata 27 ta' Novembru, 2018 u ntavolata fl-ufficcju tal-Arbitru nhar it-28 ta' Novembru, 2018 id-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali ressaq is-sottomissjonijiet tieghu. Flimkien mas-sottomissjonijiet gew esebiti diversi dokumenti f'kopja tal-applikazzjoni *Ghajnuna tal-Mard* b'notamenti bil-uzu tal-pinna fuqha datata 30 ta' Novembru, 2017; kopja tal-kuntratt ta' self u bejgh tal-fond 119 u garage 117 fi Triq ic-Cimiterju, Paola minn Maria Victoria sive Victoria Hatherley u ohrajn lil Keith Bonnici u Claire Vella datat 11 ta' Awwissu, 2006 fl-atti tan-Nutar Joe Cilia; affidavit ta' Maria Victoria sive Victoria Hatherley li tikkonferma li bieghet il-fond residenza taghha u r-rikavat taghha gie spartit bejn ulieda; u rendikont mahdum mill-impjegati tad-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali li jindika l-*overpayment* li l-appellanta Victoria Hatherley irceviet allegatament zejjed tul is-snin.

iv. Saret seduta wahda biss quddiem l-Arbitru nhar it-3 ta' Dicembru, 2018 fejn dehret Agostina Vella bint Victoria Hatherley u fejn l-appell thalla ghad-decizjoni.

2. Illi l-Arbitru permezz tad-decizjoni tieghu tal-5 ta' Frar, 2019 cahad l-appell tal-appellanta Victoria Hatherley kif isegwi:

*"Jirrizulta li fl-2006 meta l-appellanti kienet qed tibbenefika mill-Ghajnuna Socjali hi bieghet id-dar taghha u dana flimkien mat-tifel taghha li kienu wirtu sehem minn missierhom u dan ghall-ammont ta' €76,869.32;*

*Ex admissis, waqt is-seduta tallum, Agostina Vella qalet li ommha minn dan l-ammont kienet hadet xi Lm 4,000 u l-bqija gew divizi bejn l-ahwa;*

*Jirrizulta wkoll illi l-appellanti ma nfurmatx lid-Dipartiment b'dana kollu u d-Dipartiment sar jaf biss meta minn jeddu talab revizjoni tal-kaz f'Dicembru 2017;*

*Filfatt minn din ir-revizjoni jidher li l-appellanti kienet qed tabita f'Redentur 11, Triq l-Isqof Pietru Pac,e Rahal Gdid, mentri fis-sistema kienet ghadha tabita fl-indirizz 169, Triq ic-Cimiterju, Rahal Gdid;*

*Ghalhekk jigi rilevat illi l-appellanti fis-sena 2006 kellha kapital li jeccedi l-€14,000, liema kapital hija ghazlet li tiddisponi minnu billi tqassam l-irkavat tal-bejgh a favur it-tfal taghha;*

*In oltre' naqset milli tinforma lid-Dipartiment bid-tibdil fic-cirkostanzi taghha u ghalhekk l-Arbitru jichad l-appell u jikkonferma d-decizjoni tad-Dipartiment."*

3. Illi Victoria Hatherley hassitha aggravata b'din id-decizjoni u kien ghalhekk li ntavolat appella nhar il-5 ta' Marzu, 2019. Permezz tal-imsemmi appell hija ressqet erba' (4) aggravji kif isegwi:

a. L-impossibilita' li jithejja appell effettiv;

b. Nuqqas ta' motivazzjoni tad-decizjoni tal-Arbitru.

   i. L-Arbitru ha in konsiderazzjoni certu fatti u evidenza u skarta fatti u evidenza ohra meta huwa kellu l-obbligu legali li jqis u jizen il-massa kollha tal-evidenza; u

   ii. L-Arbitru naqas milli jiehu konjizzjoni ta' tlieta (3) mill-erba' (4) aggravji mressqa mill-appellanti.

c. Il-bejgh tad-dar residenzjali; u

d. In-nuqqas ta' ghajnuna ghall-mard fil-perijodu reklamat.

4. L-appellat Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali wiegeb ghal dan l-appell nhar il-25 ta' Marzu, 2019 billi qal li l-appell huwa nfondat kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u li d-decizjoni tal-Arbitru hija wahda gusta u timmerita li tigi kkonfermata. L-appellat ittratta dawn l-aggravji bil-mod segwenti:

a. Fir-rigward tal-ewwel aggravju huwa kellu xi jghid is-segwenti:

    i. Hawn hekk jaghmel referenza ghat-Taqsima VIII tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta fejn hemm stipulat kif ghandha tigi kondotta l-procedura. Huwa jishaq li fil-ligi m'hemm xejn li jistipula kif ghandha tkun id-decizjoni tad-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali u ghalhekk ghandha tigi applikata l-massima legali *ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacuit*;

    ii. L-appellanta setghet marret l-ufficcju distrettwali tas-Sigurta' Socjali vicin il-lok li fih hija tghix, minn fejn facilment kienet tottjeni l-informazzjoni. Di piu' jirrileva li l-appellanta kienet assistita minn avukat. L-appell intavolat quddiem l-Arbitru ma kienx wiehed generali u brevi pero' pjuttost jindika li l-appellanti fehmet ir-raguni wara d-decizjoni tad-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali;

iii. L-appellanta Victoria Hatherley targumenta li kif inhi l-procedura quddiem l-Arbitru tikser il-principju tal-*audi alteram partem*. L-appellat Direttur Generali jargumenta li din m'hija xejn ghajr ghal skuza frivola sabiex isir tentattiv li jitressqu provi ulterjuri quddiem il-Qorti.

Di piu' ghalkemm issir referenza mill-appellanta li kawza tan-nuqqas ta' motivazzjoni tad-decizjoni, ma gewx issollevati certu aggravji, id-Direttur Generali jindika li dawn l-aggravji fl-ebda waqt tul il-procedura kollha ma gew elenkati.

b. Fir-rigward tat-tieni aggravju, l-appellat Direttur Generali jikkwota minn sensiela ta' gurisprudenza li jispjegaw kif decizjoni ghandha tkun motivata. Kien biss l-appellat Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali li ressaq evidenza konkreta. A kuntrarju, kif jixhed il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Dicembru, 2018 l-appellanta Victoria Hatherley ma ressqet l-ebda prova malgrad li ghamlet numru ta' aggravji.

Fir-rigward il-fatt li l-Arbitru ma jaghmilx referenza ghal tlieta (3) minn erba' (4) aggravji, id-Direttur Generali jaghmel referenza ghad-deposizzjoni moghtija minn Agostina Vella (bint Victoria Hatherley) fis-seduta tat-3 ta' Dicembru, 2018. Fid-deposizzjoni taghha Agostina Vella ammettiet li l-fond 119, Triq ic-Cimiterju, Paola nbiegh u li r-rikavat ta' sehem ommha Victoria Hatherley gie diviz ugwalment bejn l-ahwa

ghajr ghas-somma ta' Lm 4,000 (ekwivalenti ghal €9317. 49) li nzammet minn ommha Victoria Hatherley. Fid-dawl ta' din l-ammissjoni, li hija r-regina tal-prova, l-Arbitru ma kellux ghazla ohra ghajr li jipprocedi bid-decizjoni. Din il-Qorti tinnota li mill-verbal tas-seduta tat-3 ta' Dicembru, 2018 ma jirrizultax li Agostina Vella tat id-deposizzjoni taghha peress li m'hemmx ivverbalizzat madanakollu dan jirrizulta mis-sentenza moghtija fit-3 ta' Frar, 2019 fejn l-Arbitru jaghmel referenza ghaliha.

c. B'risposta ghat tielet aggravju l-appellat Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali jaghmel referenza ghall-Artikolu 20 tal-Kapitolu 318 li jistabbilixxi numru ta' rekwiziti li ghandhom jigu sodisfatti sabiex persuna tkun intitolata ghall-Ghajnuna Medika (SKA). Jaghmel ukoll referenza u jikkwota mit-Tieni Taqsima tat-Tieni Skeda tal-istess Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta.

d. B'referenza ghar-raba' aggravju d-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali jirrileva li l-applikazzjoni esebita mid-Direttur datata 30 ta' Novembru, 2017 hija applikazzjoni li timtela' meta jkun hemm tibdil fic-cirkostanzi u mhux applikazzjoni ghall-beneficcju tal-mard, kif qed jigi allegat mill-appellanta Victoria Hatherley.

L-appellanta kienet ilha mis-sena 1994 tibbenefika mill-ghajnuna medika. Li kieku huwa minnu li l-applikazzjoni

datata 30 ta' Novembru, 2017 kienet applikazzjoni sabiex Victoria Hatherley tibda tibbenifika mill-ghajnuna tal-mard, id-Direttur Generali kien jibghat decizjoni ta' rifjut u mhux decizjoni ghall-overpayment, kif fil-fatt gara. Id-Direttur Generali rritena li dan huwa tentattiv da parti tal-appellanta sabiex tgharraq u tizvija lill-Onorabbli Qorti. Id-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali jishaq li huwa m'ghandu l-ebda interess li jidhaq b'nies fil-bzonn.

5. Semghet it-trattazzjoni tal-appell tal-partijiet fis-seduta tal-14 ta' Gunju, 2019 u ddiferiet l-appell ghad-decizjoni ghal-lum.

Ikkunsidrat:

**L-Ewwel u t-Tieni aggravju**

6. Din il-Qorti sejra tezamina dawn iz-zewg aggravji flimkien peress li entrambi jitrattaw l-istess ilment cioe' l-allegat nuqqas ta' informazzjoni u motivazzjoni fid-decizjonijiet tad-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali u tal-Arbitru.

L-ewwel aggravju jirrigwarda d-decizjoni moghtija mid-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali ta' nhar is-26 ta' Marzu, 2018 fejn ipprovda li l-appellanta Victoria Hatherley ghandha tirrifondi l-ammont ta' €13,841.76 fi hlas zejjed fil-Ghajnuna tal-Mard (SKA) u dan '*… minhabba li IL-KAPITAL JECCEDI.*'

Dan l-aggravju huwa kollu msejjes fuq kritika versu t-taqsim u n-nuqqas ta' informazzjoni riprodotta fid-decizjoni tad-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali, li wassal, li l-appellanta Victoria Hatherley ma tkunx tista' thejji appell effettiv. Sahansitra jinghad li dan kollu wassal ghall-ksur tal-principju tal-*audi alteram partem* peress li konsegwenza tan-nuqqas ta' informazzjoni fid-decizjoni, l-appellanta ma setghetx tiddefendi ruhha adegwatament.

Tul dan l-aggravju, l-appellanta ssostni li kienet priva minn kwalunkwe nformazzjoni dwar ir-raguni ghat-talba tar-rifuzjoni. Il-Qorti rat id-dokument esebit fil-process tal-Arbitru datat 30 ta' Novembru, 2017 u b'mod specjali ghan-notamenti maghmula bl-uzu tal-pinna, minfejn johrog car li l-appellanti Victoria Hatherley (li kienet rapprezentata mill-agenta taghha Agostina Vella - bintha) kienet gia giet rinfaccjata mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali bis-sitwazzjoni. Fil-fatt l-appellanti Victoria Hatherley quddiem id-Direttur Generali pprezentat ukoll affidavit taghha stess mahluf fit-23 ta' Jannar, 2018 fejn bil-gurament taghha kkonfermat li hija bieghet il-post 119, Triq ic-Cimiterju, Paola ghall-prezz ta' Lm33,000 u li sehmha fl-ammont ta' Lm16,500 qasmitu bejn uliedha. Innegabilment, l-appellanta Victoria Hatherley kienet ilha taf xhur shah bid-dettalji tal-kaz taghha u bir-raguni ghad-decizjoni tad-Direttur appellat.

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghad-dokument li permezz tieghu tressaq l-appell quddiem l-arbitru datat 25 ta' April, 2018 liema appell jirrizulta li huwa wiehed dettaljat hafna u juri bic-car li l-

appellanti kienet taf ir-raguni ghad-decizjoni tad-Direttur. L-appell minnu nnifsu huwa prova nkonfutabbli li l-appellanti Victoria Hatherley kienet edotta sew mill-fatti. Ghaldaqstant il-Qorti ma tqisx li dan l-aggravju fir-rigward tad-decizjoni tad-Direttur bhala wiehed fondat.

7. It-tieni aggravju jitratta l-allegata nuqqas ta' motivazzjoni tad-decizjoni tal-Arbitru Dr Adrian Camilleri ta' nhar it-5 ta' Frar, 2019 fejn permezz taghha huwa cahad l-appell. Il-Qorti taghmel referenza f'dan l-istadju ghad-decizjoni segwenti:

**Joseph Mercieca -vs- Melvin Depasquale** deciza nhar il-24 ta' Mejju, 2006 mill-Qorti tal-Appell:

> *"Fir-rigward ta' l-ewwel aggravju jibda biex jigi notat illi l-appellanti ma humiex qed isostnu illi s-sentenza tippekka ghax hi radikalment mankanti fil-motivazzjoni imma biss li din ma tikkontjeni ebda esposizzjoni tal-principju tad-dritt. Dwar dan irid jinghad illi s-sufficjenza u r-razzjonalita' tal-motivazzjoni timplika dejjem raffront bejn ir-raguni tad-decizjoni u r-rizultanzi probatorji. In partikulari, biex jista' jinghad li s-sentenza tiddifetta fil-motivazzjoni taghha jrid jintwera fl-assjem li tezisti deficjenza objettiva tal-kriterju li wassal lill-gudikant ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Kif taraha din il-Qorti l-fatt li fis-sentenza tieghu t-Tribunal adotta r-relazzjoni ta' l-espert tekniku nominat minnu u aderixxa ghall-konkluzjonijiet tieghu ma jgibx ghalhekk biss li s-sentenza hi vizzjata. F'kaz bhal dan il-gudikant ma huwiex*

*tenut li joqghod jivvaluta singolarment ir-rizultanzi processwali kollha jew li jikkonfuta l-argumentazzjonijiet kollha tal-partijiet b'rikjam ghal-ligi. Hu sufficjenti li wara li javvaluta l-argomenti ta' naha u ta' ohra fil-kumpless taghhom, jindika dawk l-elementi li fuqhom hu jkun qed jibbaza l-konvinciment tieghu. Implicitament, ghandu jkun bil-wisq logiku, illi r-riljevi jew cirkustanzi ohra li ma sabux posthom fis-sentenza kienu qed jitqiesu mill-gudikant bhala nkompatibbli mad-decizjoni adottata. Finalment fuq dan il-punt irid jinghad li kien ikun divers il-kaz fejn il-gudikant ikun qed jiddissenti mill-parir ta' l-espert tekniku in kwantu f'kaz bhal dan, fil-hsieb tal-Qorti, kienet necessarja dik il-motivazzjoni specifika li tillustra, b'punti ta' fatt jew ta' dritt, ir-raguni l-ghala hu jkun qed jitbieghed mill-konkluzjoni tar-relazzjoni teknika. Fil-kaz taht ezami tali sitwazzjoni ma tinsorgix, u ghalkemm kien ikun forsi desiderabbli li t-Tribunal ssofferma fuq l-aspett legali, b' daqshekk ma ssibx li l-motivazzjoni kif redatta tista' tigi ccensurata."*

Din il-Qorti regghet rat id-decizjoni tal-Arbitru odjerna u ma taqbilx mal-lanjanza tal-appellanti li l-istess mihijiex motivata, anzi pjuttost id-decizjoni hija wahda dettaljata, tinkludi fiha riassunt tal-provi li tressqu quddiem l-arbitru u l-istess arbitru jaghti r-ragunijiet tieghu ghalfejn qies li l-appell tal-appellanti ma kienx jisthoqq li jigi milqugh.

8. In oltre fl-istess aggravju l-appellanti ssostni li hassitha aggravata b'din id-decizjoni ghaliex tissottometti li l-Arbitru ha konsiderazzjoni ta' certu evidenza u skarta ghal kollox evidenza

ohra. Din il-Qorti ezaminat l-inkartament tal-kaz minn fejn jirrizulta li ghajr ghad-deposizzjoni ta' Angiolina Vella, l-appellanta Victoria Hatherley ma ressqet xejn aktar bhala provi. Ghall-kuntrarju, d-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali ressaq provi dokumentarji li kkonfermaw l-pozizzjoni tal-appellanti Victoria Hatherley. Fid-decizjoni tieghu l-Arbitru ma kellux wisq fejn jimrah l-ghaliex l-fatti u l-provi mressqa huma dawk li huma. Madanakollu ma jfissirx li ghax l-Arbitru m'ghamilx referenza ghal certu provi u fatti ghalhekk huwa ppekka fid-decizjoni tieghu. Kif jinsab enuncjat fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Pace -vs- Direttur tas-Sigurta' Socjali** datata 14 ta' Jannar, 2004:

> *"Il-fatt li l-Arbitru forsi ma elaborax dwar certi aspetti, kif hekk pretiz mill-appellanti, ma jfissirx illi fid-decizjoni tieghu l-Arbitru ma jkunx ikkunsidrahom u ddelibera dwarhom. Jew li ma jkunx ukoll iddecieda in pjena kuxjenza u konsapevolezza ta' dawk il-fatti jew aspetti lilu sottomessi."*

Ikollu jinghad ukoll illi hu proprju l-istess ragunament li ghandu jigi applikat ghall-kwistjoni mqajjma mill-appellanta Victoria Hatherley dwar li l-Arbitru tratta biss aggravju wiehed (1) minn erbgha (4) mqajjma quddiemu. Fid-deposizzjoni taghha Agostina Vella stqarret li ommha kienet spartit bejn l-ahwa kollha s-sehem taghha mir-rikavat tal-bejgh ta' dik li kienet id-dar residenzjali taghha ghajr ghas-somma ta' Lm4,000 li kienet zammet ghaliha personalment. In vista tal-ammissjoni da parti tal-appellanti li fiz-zmien li hija kienet qeghdha tibbenifika mill-Ghajnuna tal-Mard hija kellha f'idejha 'l fuq minn erbatax-il elf Euro (€14,000) u li hija

ddisponiet minn parti minn din is-somma billi ghaddiethom bhala donazzjoni lil uliedha b'rizultat li gabet ruhha dipendenti fuq il-beneficcju tal-mard mhallas mill-iStat, din il-Qorti tqis li l-Arbitru ma kellux wisq f'hiex jinfixel fid-decizjoni tieghu. Jinghad fis-sentenza **APS Bank Limited -vs- Francis Xavier Micallef** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-7 ta' Lulju, 2010 illi:

> "Minn dan kollu l-appellanti mhux biss ma ghamel xejn izda, addirittura, tezisti kontra tieghu r-*regina probationum* kostitwita mill-ammissjoni tieghu bl-e-mail tal-10 ta' Novembru 2007 fejn hu nforma lill-Bank li kien pront li jhallas b'dan li talab zmien ghall-hlas minhabba li f'dak il-mument, skont kif mistqarr, hu kien rinfaccjat bi problemi finanzjarji fl-intrapriza tieghu. Kif drabi ohra ritenut, meta tezisti ammissjoni bhal dik, "bizzejjed biex il-process jinghalaq". Ara "**Carmelo Bonnici *nomine* -vs- Ronald Farrugia *et***", Appell Civili, 26 ta' Ottubru, 1970"

Ghalhekk fid-dawl tal-ammissjoni tal-istess appellanti u tal-provi migjuba fil-process, l-Arbitru ddecieda korrettement li ma kien japplika l-ebda terminu ta' preskrizzjoni ghall-kaz odjern ghalkemm semplici sentenza fid-decizjoni li tindika dan qabel ma jghaddi ghal decizjoni fuq il-fatti kienet tkun idonea fic-cirkustanzi. Madanakollu stante li d-decizjoni fl-assjem taghha hija wahda ben motivata u legalment gusta ghal dak li hija preskrizzjoni l-Qorti ma tqisx dan it-tieni aggravju tal-appellanti bhala fondat u ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

**It-Tielet aggravju**

9. Illi t-tielet aggravju tal-appellanta jirrigwarda l-fatt li hija bieghet id-dar ta' residenza taghha 119, Triq ic-Cimiterju, Paola. Hija targumenta li fil-ligi d-dar ta' residenza hija ezentata mill-kalkolu tal-mezzi, u ghalhekk bl-istess mod, ir-rikavat minn tali bejgh tad-dar ta' residenza ghandu jigi ezentat mill-kalkolu tal-mezzi.

L-Artikolu 20 tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula min hu intitolat ghall-Ghajnuna ghall-Mard u jelenka bhala wahda mir-rekwiziti sabiex persuna tkun eligibbli ghal tali beneficcju li:

*'il-mezzi kollha fil-gimgha tal-membru tal-familja taghha kollha kalkulat skont id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima II tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att ma jkunx izjed mir-rata tal-iskala ghal dik il-familja kif stabbilit bis-Seba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att'.*

Importanti wkoll li ssir referenza ghat-Tieni Taqsima tat-Tieni Skeda tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta li tistabbilixxi x'ghandu jittiehed in konsiderazzjoni fil-kalkolu tal-mezzi ghall-finijiet tal-Artikolu 20. Din tipprovdi:

*'Fil-kalkolu tal-mezzi għall-finijiet tal-artikolu 20, għandu jitqies:*

*(a) salv kif provdut fil-paragrafu 3 ta' din it-Taqsima, il-valur ta' kull proprjetà inkluża kull proprjetà mqegħda fi trust (minbarra d-*

*dar tar-residenza) li tkun tal-membri kollha tal-familja li la jkunu persuni mpjegati lanqas persuni li jimpjegaw lilhom infushom jew persuni li jaħdmu għalihom infushom skont dan l-Att, li hija jew tista' tkun, investita jew użata bi qliegħ b'esklużjoni ta' għamara, ġojjellerija jew oġġetti oħra personali:*

*Iżda meta l-flus fil-bank u fl-idejn (inklużi assi likwidi, depożiti għal xi żmien, bonds, stocks, azzjonijiet u titoli oħra), flus imqegħda f'xi trust u l-valur kapitali ta' kull proprjetà immobbli urbana inkluż it-tqegħid kollu ta' dik il-proprjetà fi trust (bl-esklużjoni tad-dar fejn wieħed joqgħod) li ma tkunx qegħda tintuża bi qliegħ, ikunu flimkien jaqbzu:*

*(i) €14,000 fil-każ ta' familja li tikkonsisti f'membru wieħed biss jew f'għadd ta' membri li l-kap tagħhom ikun persuna mhux miżżewġa jew ġenitur singlu; jew*

*(ii) €23,300 fil-każ ta' familja li mill-anqas tkun tikkonsisti fil-kap tal-familja u l-konjuġi, il-persuna li tkun qed titlob l-Għajnuna għall-Mard ma għandhiex titqies li tkun intitolata għal dik l-għajnuna;*

*u*

*(b) salv kif provdut fil-paragrafu 4 ta' din it-Taqsima, kull dħul jew privileġġ li huwa, jew jista' jiġi, riċevut jew li jgawdi xi membru tal-familja inkluż kull intitolament ta' dak il-membru għall-*

*benefiċċju minn trust jew li favur tiegħu tista' tiġi eżerċitata diskrezzjoni biex titqassam proprjetà, inkluż dħul jew privileġġi, miżmuma fi trust li la jkun persuna mpjegata u lanqas persuna li timpjega lilha nnifisha jew persuna li taħdem għaliha nnifisha skont dan l-Att:*

***Iżda kull proprjetà jew dħul li għandhom ikunu kalkolati għall-finijiet ta' din it-Taqsima skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan il-paragrafu għandhom jinkludu kull proprjetà jew dħul li xi membru tal-familja kif hawn qabel imsemmi f'din it-Taqsima kien direttament jew indirettament caħħad lilu nnifsu minnhom sabiex ikollu jedd għal Għajnuna għall-Mard jew sabiex ikollu jedd għal rata aktar vantaġġuża:'*** *(enfazi mizjuda mill-Qorti)…*

B'mod mill-aktar esplicitu l-ligi tinkludi fil-kalkolu tal-mezzi dak kollu inkluz proprjeta' jew dhul li membru ta' familja ikun iddispona minnhom. Inkwantu ghall-proprjeta', il-ligi mhix taghmel distinzjoni bejn id-dar ta' residenza jew proprjeta' ohra appartenenti lill-individwu pero' tindika '*kull proprjeta jew dhul… kien direttament jew indirettament cahhad lilu nnifsu minnhom*'. Fil-kaz odjern l-appellanti Victoria Hatherley iddisponiet minn sehmha mid-dar ta' residenza u spartit ir-rikavat bejn uliedha flok zammet l-istess flus sabiex tkun tista' tghix minghajr ma tkun tiddependi fuq l-ghajnuna tal-istat jew mill-anqas uzat l-istess sabiex tixtri post ta' residenza iehor. Jirrizulta ghalhekk indubitat li l-appellanta ccahdet minn beni taghha sabiex tibqa' tibbenifika mill-ghajnuna provduta

mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali u dan huwa aktar aggravat mill-fatt li l-appellanti Victoria Hatherley qatt ma nfurmat lid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali b'dak li kien sehh.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu espost il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad dan it-tielet aggravju tal-appellanta Victoria Hatherley.

**Ir-Raba' aggravju**

10. Illi l-appellanti Victoria Hatherley permezz tar-raba' aggravju taghha tallega li ma tressqu l-ebda provi li l-appellanta kienet qeghdha tibbenefika mill-Ghajnuna tal-Mard lura mid-data tad-19 ta' Awwissu, 2006.

Illi d-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali appellat fir-risposta tal-appell tieghu jsostni li l-fatt li huwa hareg talba ghall-*overpayment* ghandha titqies bhala evidenza cara u bizzejjed li tindika li l-appellanti kienet ilha tibbenifika mill-Ghajnuna tal-mard zgur mis-sena 2006. Issa apparti dan il-fatt, fil-process tal-Arbitru gie wkoll esebit rendikont tal-kalkoli dwar kif inhadem l-*overpayment*. Dan ir-rendikont tal-kalkoli tal-*overpayment* jgib zewg dati dik tal-20/3/18 (minn xi hadd certu Mercieca) u tas-26/3/2018 (minn Silvana Schembri – Executive Officer). Din l-ahhar data hija l-istess data li fiha ntbghatet il-komunika mid-Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali li rrizulta l-*overpayment*. Dan id-dokument bl-ebda mod ma

gie kkuntestat mill-appellanti Victoria Hatherley u lanqas ma ngabet prova kuntrarja li tirribatti dan id-dokument.

Il-Qorti tirrileva wkoll, li kif jirrizulta mill-atti kif ukoll fuq domanda li ghamlet l-istess Qorti waqt it-trattazzjoni lir-rapprezentant tal-appellanti li fi stadju ta' appell quddiem l-Arbitru l-appellanti ma qajmet l-ebda aggravju dwar iz-zmien u l-ammont ghall-'overpayment'. Li kieku verament l-appellanti kienet qed tqis li hija ma rcevietx dan il-beneficcju fl-ammont u fil-perjodu ndikat din il-Qorti tinsab certa li kienet tqajjem dan l-aggravju quddiem l-Arbtiru l-ewwel u qabel kollox. In oltre l-fatt li hija ressqet aggravji dwar preskrizzjoni u l-persentagg li ghandu jkun applikabbli aktar jevidenzja li hija kienet taf li l-ammont thallas lilha u kienet biss qed tikkontesta jekk ghandux jithallas lura. Jirrizulta wkoll mill-atti li la Agostina Vella (bint u agenta tal-appellanta Victoria Hatherley) fid-deposizzjoni taghha u wisq aktar l-appellanti Victoria Hatherley fil-affidavit taghha mahluf fit-23 ta' Jannar, 2018 ma kkontestaw dan il-fatt.

Ghaldaqstant jirrizulta lil din il-Qorti li dan l-aggravju huwa frivolu u vessatorju ghall-ahhar u ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi dan l-appell billi tichad l-aggravji kollha

tal-appellanti u tikkonferma d-decizjoni appellata fl-ismijiet premessi datata 5 ta' Frar, 2019.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici appellant.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
Deputat Registratur

Vera kopja

D/Registratur